**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 12 ta' Gunju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**Vs**

**XY**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **XY** li ġie akkużat talli:

Nhar il-11 ta' Gunju 2020 ghall-habta tal-11:00 ta' filghodu, kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fix-xahar ta' Gunju tal-2020, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi u li saru b'riżoluzzjoni wahda, minn gewwa diversi hwienet f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u prodotti, ghad-detriment ta' diversi persuni, bi ksur tal-Artikoli 18 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkonsidra lil XY bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti tqis li għalhekk l-imputazzjonijiet gew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, il-fedina penali tiegħu, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu. Semghat ukoll lill-Probation Officer Rona Agius Custo` li spjegat lill-Qorti li l-imputat ghandu bzonn jigi segwit minn professjonisti biex jeghleb il-vizzju tad-droga u problemi ohra.

Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li se tkun qieghda tinfliggi l-piena idonea ghar-reati mwettqa mill-imputat, se tkun qieghda wkoll tohrog Ordni ta' Trattament.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 284 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, issib lill-imputat **XY** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija u ghal hamsin ewro (€50) multa.

In oltre l-Qorti qieghda tohrog Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' XY ghal zmien tliet snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Fl-ahharnett il-Qorti tordna l-konfiska tad-droga esebita fis-seduta tal-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur